**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 22 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 998/02 AJD**

**Joseph Aquilina**

**vs**

**Philip D'Amato**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270.00) rapprezentanti hlas ta' magna mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fil-5 ta' Jannar, 2001.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Frank Cassar, ghall-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270.00), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effetiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**